**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **39/2023 AD**

**PHILIP BUGEJA**
**BĦALA LIKWIDATUR TA' QUALITY HOMES LIMITED (C 1562)**

**VS**

**RAYMOND BONNICI (KI 777051M)**

**U B'DIGRIET TAS-7 TA' FRAR 2023**
**L-AVUKAT DR SIMON MICALLEF STAFRACE U L-PROKURATUR LEGALI MELISSA MARY VICTORIA ANASTASI**
**ĠEW NOMINATI BĦALA KURATURI DEPUTATI BIEX JIRRAPPREŻENTAW IS-SIDIEN INNOTI TAL-APPARTAMENTI WIEĦED (1) SA GĦAXRA (10) U TNAX (12) SA SEBGĦA U GĦOXRIN (27), FORREST COURT, TRIQ MENSIJA, THE GARDENS, SAN ĠILJAN**

**U B'DIGRIET TAL-21 TA' FRAR 2023**
**L-QORTI RREVOKAT *CONTRARIO IMPERIO* D-DIGRIET TAN-NOMINA TAL-KURATURI DEPUTATI ĦLIEF GĦAS-SIDIEN TAL-APPARTAMENTI BIN-NUMRI 18 U 27, U DAN WARA LI B'NOTA TAT-13 TA' FRAR 2023 ASSUMEW L-ATTI TAL-KAWŻA**
**JUDITH MORRIS (KI 0036900A), RONALD JOSEPH VICTOR MIFSUD (KI 538887M) U HELEN MARY MIFSUD (KI 394962M), ANTHONY GALEA (KI 0407878M), ANNA VELLA (KI 0547480M), ANGELA GALEA (KI 0323883M), ANDREANA GALEA (KI 097590M), ADRIAN GALEA (KI 0185785M),**

**ELIZABETH ANNE FARRUGIA (KI 230767M), JOSEPH JACCARINI (KI 713662M) U SUZANNE JACCARINI (KI 38565M), KENNETH BONNICI (KI 14875M) U MONICA BONNICI GRECH (KI 518177M), MARIE THERESE BERNARD (KI 217852M), SANTINA CAMILLERI (KI 06566M), ANDREW SAPIENZA (KI 496677M), ANTOINETTE GATT RUTTER (KI 0936747M), MARILYN SPITERI STAINES (KI 390039M), CALPE ASSOCIATES LIMITED (C 9038), MIGUEL ZAMMIT TABONA (KI 0159876M), JOHN BORG (KI 006360M) U SAVIOUR BORG (KI 604253M), CHRISTIAN BUSUTTIL (KI 169286M), PAUL BUSUTTIL (KI 763552M), EMANUEL BUSUTTIL (KI 342549M), MARIA K/A MARION CARUANA (KI 553554M), ANNUNZIATA FARRUGIA (KI 320560M), JOHN BUSUTTIL (KI 317064M), ANTHONY BUSUTTIL (KI 445947M), PETRA & COMPANY (P COMM75), CHANTAL BELLO (KI 368969M), FRANCIS CARUANA (KI 012448M) U DORIS CARUANA (KI 265150M), NEIL GALEA (KI 0481181M), GRETA GALEA (KI 0204575M) U GAYLE GALEA (KI 0512178M), ALEXANDER FRIGGIERI (KI 125949M), CECILIA PORTELLI (KI 0773744M), ANITA CACHIA (KI 344759M), TABRIA COMPANY LIMITED (C 8070)**

**U B'NOTA DATATA 3 T'APRIL 2023 ASSUMEW L-ATTI TAL-KAWŻA**
**DR EDWARD DEBONO (KI 592758M),**
**DAVID DEBONO U DR MARTIN DEBONO**
**GĦALL-APPARTAMENT 18 U**
**NADIA BORG BUSUTTIL (KI 394962M)**
**GĦALL-APPARTAMENT 27**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **<u>sentenza *in parte*</u>** **<u>limitatament</u>** rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati fir-risposta tagħhom, illi l-kawża hija nulla stante illi

Philip Bugeja mhuwiex il-likwidatur tas-soċjeta' Quality Homes Limited, u konsegwentement huwa m'għandux ir-rappreżentanza tal-istess soċjeta', b'dana illi ma seta qatt jintavola l-kawża odjerna;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors ġuramentat datat tnax (12) ta' Jannar 2023, ir-rikorrent noe ppremetta illi s-soċjeta' Quality Homes Limited kienet xtrat biċċa art magħrufa bħala "Ta' Wara l-Knisja" f'San Ġiljan, illi fuqha bniet sebgħa u għoxrin (27) appartament, illi ngħataw l-isem uffiċjali ta' Forrest Court fi Triq il-Mensija, San Ġiljan. Dawn l-appartamenti ġew mibjugħa mis-soċjeta' Quality Homes Limited bid-dritt t'użu tal-partijiet komuni flimkien mal-appartamenti l-oħra. Ir-rikorrent noe qed isostni illi l-arja tal-blokka msemmija baqgħet proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, u illi minkejja illi l-konvenuti qegħdin allegatament jivvantaw titolu fuq l-arja tal-blokka minħabba illi fi kuntratti sussegwenti l-kliem tal-kuntratt tbiddel, dan huwa rapportat żbaljat fil-kuntratti sussegwenti. Għaldaqstant ir-rikorrent noe qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

    a. Tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi s-soċjeta' attriċi hija l-proprjetarja assoluta tal-partijiet komuni, inkluż l-arja tal-blokka magħrufa bħala Forrest Court, Triq Mensija, The Gardens, San Ġiljan;

    b. Tiddikjara konsegwentement illi s-soċjeta' attriċi għandha dritt illi tiżviluppa l-arja fuq il-blokka magħrufa bħala Forest Court, Triq Mensija, The Gardens, San Ġiljan, purche li s-soċjeta' attriċi takkomoda d-dritt ta' użu tal-bejt fuq livell ieħor;

    Bl-ispejjeż;

3. B'risposta datata erbatax (14) ta' Frar 2023, il-konvenuti, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, issollevaw ukoll eċċezzjoni preliminari, u cioe:

***Illi fl-ewwel lok il-kawża hija nulla stante illi Philip Bugeja mhuwiex il-likwidatur tas-soċjeta' Quality Homes Limited u konsegwentement huwa m'għandux ir-rappresentanza tal-istess soċjeta'. Għalhekk l-istess Bugeja qatt ma seta jintavola l-kawża odjerna.***

4. Fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni fuq din l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti;

5. Wara illi, fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Lulju 2023, din il-Qorti rat il-provi mressqa rigward din l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, u semgħet it-trattazzjoni tal-partjiet dwar l-istess eċċezzjoni, il-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni suriferita.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

7. Rat in-nota tal-intimati illi permezz tagħha esebixxew: (a) avviż maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpaniji u li deher fil-gazzetta *Times of Malta* fis-6 t'Awwissu 2013 (**Dok A** a fol 84 tal-proċess); (b) lista ppubblikata mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fit-18 ta' Novembru 2013 fejn ġie mħabbar illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet *defunct* (**Dok B** a fol 85 *et seq* tal-proċess); (c) kopja tas-sentenza li abbażi tagħha s-soċjeta' rikorrenti reġgħet ġiet rikostitwita (**Dok C** a fol 90 *et seq* tal-proċess); (d) estratt mill-MBR li qed turi lis-soċjeta' rikorrenti bħala *'active'* (**Dok D** a fol 96 tal-proċess); (e) kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili – Sezzjoni Kummerċ Nru 5/2020 fejn il-Qorti ordnat illi jerġa' jinfetaħ il-proċess tal-istralċ (**Dok E** a fol 97 *et seq* tal-proċess); (f) estratt mill-MBR li qed turi s-soċjeta' illi ġiet rikostitwita abbażi tas-sentenza **Dok E** indikata bħala *'in dissolution'* (**Dok F** a fol 108 tal-proċess);

8. Rat in-nota tar-rikorrent noe illi permezz tagħha esebixxa: (a) dokument mir-Reġistru tal-Kumpaniji li jindika li Philip Bugeja kien ġie nominat likwidatur (**Dok AA** a fol 110 tal-proċess); (b) kopja ta' sentenza bir-Rikors Numru 22/2018 JZM (**Dok BB** a fol 111 *et seq* tal-proċess);

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Lulju 2023;

10. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

12. Jirriżulta mis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Onor Dr Jose A Herrera vs Reġistratur tal-Kumpaniji et***[1] illi l-proċeduri sabiex il-kumpanija Quality Homes Limited terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ġew intavolati fit-termini tal-**Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, illi jistabbilixxi:

> *(4) Jekk* ***membru jew kreditur tal-kumpanija****,* ***jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru*** *bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u*

[1] Vide **Dok C** esebit mill-intimati, a fol 90 *et seq* tal-proċess

*mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-**Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar.** Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.* (Emfasi ta' din il-Qorti)

13. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) sempliċiment:

(a) ordnat illi l-isem *Quality Homes Ltd* li kien abbinat mal-kumpanija bin-numru ta' reġistrazzjoni C1562 jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji;

(b) ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien sebat ijiem mid-data tas-sentenza jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji għar-reġistrazzjoni kopja uffiċjali tal-ordni illi permezz tagħha l-isem *Quality Homes Ltd* kellu jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji; u

(c) ordnat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex fi żmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu kopja uffiċjali tal-ordni li permezz tagħha l-isem *Quality Homes Ltd* jerġa jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji, jippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* miżmuma mir-Reġistratur, u f'gazzetta ġornaliera, fejn jgħid illi l-isem tal-kumpanija *Quality Homes Ltd* reġa' daħal fir-Reġistru tal-Kumpaniji;

14. Il-konvenuti ikkomparaw din id-deċiżjoni ma' deċiżjoni oħra li ngħatat ukoll mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-ismijiet ***Vassallo Builders Group Limited vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji***[2], fejn il-Qorti ddeċidiet:

> *1) L-isem Agrico Limited (C-9758) jerġa` jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.*
>
> *2) Jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanniji Agrico Limited (C-9758) u taħtar lill-Awditur Emanuel Farrugia sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija Agrico Limited (C-9758) ukoll fil-kuntest ta' dak hawnekk deciz.*
>
> *3) L-istralcarju sabiex, jirkupra minn ghand is-socji tal-kumpannija kwalsiasi assi distribwiti lilhom max-xoljiment tal-kumpannija Agrico Limited, huma kemm huma, sabiex tali assi jibqghu ghand il-kumpannija Agrico Limited.*
>
> *4) Tordna lir-Registratur intimat sabiex, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, jara hux lok illi jittiehdu l-provvedimenti necessarji fil-konfront tad-diretturi ta' Agrico Limited skond il-ligi u ai termini tal-Artikolu 278 u l-Has il-Skeda tal-KAP 386 talLigijiet ta' Malta.*

15. Il-konvenuti qed jikkontendu illi li kieku l-Qorti tal-Kummerċ, meta ordnat illi s-soċjeta' Quality Homes Limited, riedet illi l-likwidatur jibqa' Philip Bugeja, dan kienet tgħidu fid-*decide*, bħalma għamlet l-istess Qorti fil-każ ta' *Vassallo Group Ltd vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji.* Il-fatt illi dan m'għamlitux, skont il-konvenuti, ifisser illi Philip Bugeja m'għandux jiġi kkunsidrat bħala likwidatur tas-soċjeta' Quality Homes Limited, stante illi,

[2] Rik Nru 5/2020, Onor Imħ I Spiteri Bailey, 4 ta' Novembru 2022. Kopja ta' din is-sentenza ġiet esebita mill-intimati bħala **Dok E** a fol 97 *et seq* tal-proċess

fid-*decide*, lil Bugeja l-Qorti ma reġgħetx tagħtu l-poteri ta' likwidatur illi kellu qabel il-kumpanija tneħħiet mir-Reġistru tal-Kumpaniji;

16. Madanakollu, din il-Qorti tinnota illi fil-każ ta' *Vassallo Group Ltd vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji,* il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kellha quddiemha każ intavolat fit-termini tal-**Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u mhux wieħed intavolat fit-termini tal-Artikolu 325(4) bħal fil-każ ta' Quality Homes Limited. L-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru,* ***kull persuna interessata*** *tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru* ***u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ****.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-****istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali****, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> *(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*
>
> *(4) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha wkoll* ***tiddeċiedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi tagħha jkunux effettivi favur il-persuni kollha jew jekk għandhomx japplikaw limitatament għal persuni speċifiki indikati fid-deċiżjoni.*** (Emfasi ta' din il-Qorti)

17. Jirriżulta għalhekk illi hemm distinzjoni bejn każ fejn issir talba sabiex l-isem ta' kumpanija jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-termini tal-Artikolu 325(4), u każ fejn issir talba għar-restituzzjoni ta' kumpanija fuq ir-Reġistru tal-Kumpniji fit-terminu tal-Artikolu 300B tal-Kap 386. In suċċint, **fil-każ tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386, il-kumpanija titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar mir-Reġistru, filwaqt illi fil-każ tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 il-kumpanija terġa' tiġi restitwita fuq ir-Reġistru sabiex jerġa' jinfetaħ l-istralċ**. Tispjega l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) dwar l-Artikolu 325(4), l-Artikolu 300A (illi jikkontempla sitwazzjoni fejn l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija u għalhekk l-iskema ta' distribuzzjoni tkun saret b'mod skorrett), u l-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza mogħtija reċentement fl-ismijiet ***Eric Brimmer vs Reġistratur tal-Kumpaniji***[3]:

> *Isegwi għalhekk li dan it-tlett provvedimenti tal-ligi, għalkemm il-punto di partenza tagħhom huwa dejjem kumpanija li isimha ġie mħassar mir-Reġistru tal-kumpanniji, jikkontemplaw sitwazzjonijiet ferm distinti u li l-effett aħħari tagħhom fil-maġġor parti huwa differenti. Fil-fatt kumpanija li tiġi rixxuxxitata taħt l-artikolu 325(4) terġa` ssib ruħha fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma isimha ġie mħassar, u dan b'kuntrast mal-artikolu 300A fejn kumpanija tista` lanqas biss tiġi rixxuxxitata għax isimha ma jiddaħħalx lura fir-Reġistru u jekk kemm-il darba tiġi rixxuxxitata, similarment dak li jiġri taħt l-artikolu 300B, għalkemm isem il-kumpanija jerġa` jidħol fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma ġie mħassar, il-kumpanija tiġi rixxuxxitata fi stat ta' stralċ.*

18. L-Artikolu 300B imur oltre mill-Artikolu 325(4), in kwantu fis-sub-inċiż (4) jispeċifika illi l-Qorti għandha tiddeċiedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi tagħha

[3] Rik Nru 2/2023, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), Onor Imħ I Spiteri Bailey, 29 ta' Marzu 2023 (in ġudikat)

jkunux effettivi favur il-persuni kollha, jew jekk għandhomx japplikaw limitatament għal persuni speċifiċi indikati fid-deċiżjoni. Dan stante illi l-iskop tal-Artikolu 300B huwa sabiex jerġgħu jibdew mill-bidu l-proċeduri ta' stralċ, b'mod partikolari fil-każ illi l-istralċ ikun vizzjat bi frodi jew b'illegalita' ta' natura materjali. Ma jkunx jagħmel sens illi l-kumpanija terġa' titpoġġa kompletament fl-*istatus quo ante*, bħal fil-każ tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386, jekk il-proċedura ta' stralċ tkun ġiet vizzjata per kawża ta' deċiżjonijiet u aġir ta' persuni illi kienu parti mill-proċedura ta' stralċ qabel il-kumpanija tħassret mir-Reġistru tal-Kumpaniji, u din il-Qorti tifhem illi huwa għalhekk illi l-Artikolu 300B jagħmilha ċara illi l-Qorti għandha tagħti deċiżjoni speċifika f'dan is-sens;

19. **Profs Andrew Muscat**, fil-ktieb tiegħu ***Principles of Maltese Company Law***[4], jispjega dwar l-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *Although as a general rule the juridical personality of a company ceases to exist when the name of the company is struck off the register* [Art 4(4) Companies Act], *the Companies Act has, since 2003, empowered a court to order that the name of the company be restored to the register and the winding up be reopened (thus effectively "resurrecting" the company) if it is satisfied that the winding up and the striking off have been vitiated by fraud or illegality of a material nature* [Article 300B introduced by Act IV of 2003]. *The request may be made by "any interested person"* [Article 300B(1) Companies Act]. *A member could no doubt qualify as such. A member may, for example, wish to have the company restored to the register if, through the liquidator's negligence or bad faith, a substantial error occurred in settling the liabilities of the company or distributing its surplus assets.*

[4] Muscat, A, *Principles of Maltese Company Law* (Malta University Press, 1st Edn, 2007) p 937-938

20. Huwa għalhekk illi, filwaqt illi fuq is-sit tar-Reġistru tal-Kumpaniji s-soċjeta' Quality Homes Limited hija indikata bħala *"Active"*[5], is-soċjeta' Agrico Limited illi kienet tifforma l-mertu tas-sentenza f'*Vassallo Group Ltd* hija indikata bħala *"In Dissolution"*[6], u dan stante illi, filwaqt illi fl-ewwel każ is-soċjeta' Quality Homes Limited hija riattivata bħala waħda illi qed tkompli bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar, fit-tieni każ is-soċjeta' Agrico Limited ġiet restitwita fir-Reġistru tal-Kumpaniji bl-intiż illi l-istralċ jerġa' jinfetaħ;

21. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ordnijiet illi ngħataw fil-każ ta' *Vassallo Group Ltd vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji* ma jistgħux jintużaw b'analoġija għal dawk illi ngħataw fil-każ tas-soċjeta' Quality Homes Limited, stante illi l-bażi tal-azzjonijiet huma intrinsikament differenti. Hekk infatti, fis-sentenzi mogħtija fl-ismijiet ***Ant. Bezzina (Estates) Limited vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji***[7] u ***M & R Investments Limited et vs Reġistratur tal-Kumpaniji***[8], illi kienu intavolati ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma ħatritx stralċjarju, iżda ordnat biss illi isem il-kumpanija jerġa' jitpoġġa fir-Reġistru tal-Kumpaniji, b'mod simili għall-każ ta' Quality Homes Limited. Mill-banda l-oħra, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Eric Brimmer vs Reġistratur tal-Kumpaniji*** suriferita, illi ġiet oriġinarjament intavolata fit-termini tal-Artikolu 325, il-Qorti rat illi effettivament dak li kien qed jitlob ir-rikorrent kellu jsir ai termini tal-Artikolu 300B, u tat ordni fis-sens illi ħatret lir-rikorrent bħala stralċjarju fid-deċiżjoni tagħha. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Julian Vella et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji***[9], imbagħad, kienu l-partijiet stess illi għamluha ċara illi kienu qed jitolbu lill-Qorti tiddeċiedi fit-termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386, u mhux fit-termini tal-Artikolu 300B, b'dana illi l-Qorti ma ħatritx stralċjarju, iżda tat biss ordnijiet relattivi għar-riattivazzjoni tal-kumpanija;

---

5 Vide **Dok D** a fol 96 tal-proċess
6 Vide **Dok F** a fol 108 tal-proċess
7 Rik Nru 1130/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 10 t'April 2014 (in ġudikat)
8 Ċit Nru 881/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 27 ta' Novembru 2014 (in ġudikat)
9 Rik Nru 14/2021, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), Onor Imħ I Spiteri Bailey, 27 ta' Ġunju 2022

22. Tenut kont il-premess, din il-Qorti tqis illi meta ngħatat is-sentenza fl-ismijiet ***Onor Dr Jose A Herrera vs Reġistratur tal-Kumpaniji***, illi kienet ġiet intavolata fit-termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intendiment tal-Qorti kien illi l-likwidatur jibqa' l-istess persuna illi kien qabel il-kumpanija ġiet ikkanċellata mir-Reġistru tal-Kumpanija, u cioe Philip Bugeja. Infatti, il-Qorti stess irrimarkat fis-sentenza tagħha:

> *Minkejja li kienu unikament l-inadempjenzi tal-istralċjarju u tal-azzjonisti li wasslu għat-tħassir ta' l-isem tal-kumpannija mir-Reġistru tal-Kumpanniji, il-Qorti qieset ukoll iċ-ċirkostanzi li xprunaw lir-rikorrent sabiex jieħu azzjoni, u cioe l-biża' reali li asset tal-kumpannija tispiċċa għand l-Istat għaliex l-isem tal-kumpannija tħassar mir-Reġistru, bl-eredi tal-azzjonisti jibqgħu b'xejn.*
>
> *Tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti tqis ruħha sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru anke għaliex hija konvinta li l-istralċjarju mhux se jitħalla inattiv mill-eredi tat-tliet azzjonisti li b'assidwita' sejrin jassikuraw li sabiex jespleta l-obbligi tiegħu u jikkonkludi l-istralċ bl-aħjar mod fl-aħjar interess tal-azzjonisti.*

Il-Qorti bażikament kienet qed tiddikjara illi gialadarba r-rikorrent kellu interess personali fil-kumpanija, hija kellha s-serħan il-moħħ illi l-istralċjarju ma kienx sejjer issa jaġixxi bil-mod illi aġixxa qabel il-kumpanija ġiet kanċellata mir-Reġistru tal-Kumpaniji. Huwa evidenti illi l-Qorti kienet qed tirreferi għall-istess persuna, u cioe għal Philip Bugeja;

23. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti hija konvinta illi Philip Bugeja għadu likwidatur tas-soċjeta' Quality Homes Limited, u konsegwentement għandu r-rappreżentanza tal-istess soċjeta', b'dana illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti għandha tiġi **miċħuda**.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

   i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjoni ta' nullita' sollevata mill-konvenuti fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħhom, u

   ii. **<u>Tordna</u>** l-prosegwiment tal-kawża odjerna.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**